MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru 389/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Attard**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Attard talli meta hu kien imharrek mic-Chairperson ta' l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol biex jidher quddiem l-istess Awtorita` nhar l-Erbgha 1 ta' Dicembru 2004 u nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2005 huwa naqas li jidher kif mitlub;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-14 ta' Novembru, 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Attard hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu multa ta' tletin lira (Lm30);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Attard, minnu prezentat fl-24 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenz tat-2 ta’ Frar 2007; ikkunsidrat:

L-appellant jinsab akkuzat taht l-Artikolu 51(1) tal-Kap. 343. Fir-rikors ta’ appell tieghu huwa ressaq erba’ aggravji li ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-pulizija ma setghetx tmexxi f’dan il-kaz qabel ma d-Direttur tax-Xoghol jibghat ittra lil Attard biex ihallas penali ta’ hmistax-il lira, u li huwa biss jekk din il-penali ma tithallasx li allura l-awtorita` tista’ tipprocedi kriminalment. L-appellant qed jibbaza dana l-aggravju fuq dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 51:

**“(2) Ebda procedimenti ma ghandhom jittiehdu kontra xi persuna ghal xi reat kontra dan l-Att li ma jkunx reat kontra l-artikoli 15 u 47 tieghu, jekk dik il-persuna, wara li tkun irceviet ittra minghand id-Direttur ghall-hlas ta’ penali ta’ hmistax-il lira talli tkun kisret id-disposizzjonijiet imsemmija ta’ dan l-Att jew ta’ kull regolamenti jew ordnijiet maghmulin bis-sahha tieghu, tikkonforma ruhha ma’ dawk id-disposizzjonijiet u thallas dik il-penali lid-Direttur, f’kull kaz, fi zmien hmistax-il jum minn meta dik il-persuna tkun irceviet l-ittra tad-Direttur.”**

Din id-disposizzjoni, pero`, ma tfissirx dak li qed jahseb l-appellant, u cioe` li qabel ma d-Direttur tax-Xoghol jipprocedi kriminalment bi kwerela huwa ghandu l-ewwel jibghat ittra lil dak li jkun biex ihallas penali ta’ hmistax-il lira. Din id-disposizzjoni tfisser <u>biss</u> li <u>jekk</u> id-Direttur jibghat ittra li xi persuna li tkun (allegatament) kisret xi disposizzjoni tal-Att jew ta’ regolament jew ordni maghmul bis-sahha tal-Att, biex thallas penali ta’ Lm15, u dik il-persuna (i) thallas il-Lm15 <u>u (ii) tikkonforma ruhha mad-disposizzjoni relattiva fiz-zmien preskritt</u>, allura f’dak il-kaz <u>ma jkunux jistghu jittiehdu aktar proceduri penali fir-</u>

<u>rigward ta’ dak il-ksur</u> – eccetwati dejjem l-Artikoli 15 u 47. *Ex admissis* l-appellant ma kien ircieva ebda ittra simili, u allura ma jistax ikun hemm l-ostakolu ghall-proceduri odjerni li qed jippretendi l-appellant. Kjarament is-subartikolu (2) tal-Artikolu 51 jaghti l-ghazla lid-Direttur jekk jipprocedix mod jew, fil-kazijiet kongruwi u, presumibbilment anqas sejri, u fejn dak li jkun ikun jista’ jikkonforma ruhhu mad-disposizzjoni relattiva, jipprocedix kriminalment. Ghalhekk dana l-aggravju hu inforndat.

It-tieni aggravju hu fis-sens li l-prosekuzzjoni naqset li tezebixxi kemm l-ittri mibghuta lill-appellant biex huwa jidher quddiem l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol fid-dati in kwistjoni, kif ukoll naqset li tezibixxi l-*pink cards* relattivi li juru li huwa kien fil-fatt ircieva dawk l-ittri. Jilmenta wkoll li quddiem l-ewwel Qorti huwa ntwera *pink card* wahda biss. Dana l-aggravju huwa fieragh. Jidher li l-appellant qed jippretendi li dawn id-dokumenti kellhom jigu ezibiti u jibqghu fl-atti. Il-ligi ma tirrikjedix dan f’kawzi ta’ natura sommarja – tali ezibizzjoni tista’ ssir billi dawn id-dokumenti jigu murija lill-Qorti u, naturalment, lill-imputat fil-qorti bil-miftugh. Jekk l-imputat ikun irid ikollu kopja taghhom huwa jista’ dejjem jitlob li jsiru fotokopji. Effettivament mill-verbal tal-udjenza tal-14 ta’ Novembru 2006 jirrizulta li gew ezibiti, fis-sens li gew murija fil-qorti bil-miftugh, kemm iz-zewg *pink cards* (jew *advce of receipt*) kif ukoll l-ittri mibghuta biex huwa jidher quddem l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol. Ghalhekk, kif diga` nghad, dana l-aggravju huwa fieragh.

Jilmenta wkoll li ma giex pruvat li dawk l-ittri kitbithom u impustathom il-persuna firmatarja taghhom, u li l-*pink cards* jirreferu proprju ghal dawk iz-zewg ittri. Anke dana l-aggravju hu wiehed fieragh, anzi altament fieragh. Is-Segretaju tal-Awtorita`, is-sur Anthony Sammut, xehed kemm quddiem il-Qorti Inferjuri kif ukoll fi stadju ta’ appell, u huwa certament persuna li jista’ jikkonferma li l-firma li tidher fuq l-ittri hija tac-Chairperson tal-Awtorita`. Di piu`, id-dati fuq il-*pink cards* jikkombacjaw perfettament ma’ dawk fuq l-ittri. Prova aktar minn hekk wiehed ma jistax jippretendi.

L-ahhar aggravju hu fis-sens li hu ma jiftakarx li qatt ircieva l-ittra biex huwa jidher fil-21 ta' Marzu 2005, filwaqt li fir-rigward tal-1 ta' Dicembru 2004 huwa jikkontendi li kien mar fejn l-Awtorita` zzomm il-laqghat taghha izda xi hadd kien qallu li s-seduta kienet thassret. Anke dana l-aggravju hu altament fieragh. L-appellant irrikonoxxa l-firma tieghu fuq iz-zewg *pink cards.* Jekk huwa nesa jmur ghal xi seduta tal-Awtorita`, *imputet sibi*. Kwantu ghall-1 ta' Dicembru 2004, l-appellant la quddiem l-ewwel qorti u anqas quddiem din il-Qorti ta' l-Appell ma ttanta jipproduci lill-persuna li allegatament qaltlu li s-seduta kienet imhassra u li allura seta' jmur – u dan minkejja li huwa qal li lil din il-persuna minn wiccha jafha, ghalkemm ma jafx x'jisimha. Dana l-aggravju huwa ghalhekk wiehed fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens tal-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9 tikkundanna lill-appellant ammenda ta' tletin lira (Lm30) konvertibbli f'sitt ijiem detenzjoni fin-nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------